19 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Tommaso Sammut *versus* Carmela Farrugia et.

**Azzjoni Rivendikatorja — Preskrizzjoni — Nota ta' Osservazzjonijiet — Art. 2217 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, anki fl-appell; u għalhekk anki, meta jkun ġie adoperat perit ġudizzjarju, wara li l-perit ikun ippreżenta r-relazzjoni tiegħu.*

*Eċċezzjonijiet formali, bħal ma hija dik tal-preskrizzjoni, ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali proċedurali; u meta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tiġix mogħtija formalment, qisha mhix quddiem il-Qorti; għaliex il-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio".*

*Imma jekk il-Qorti taċċetta n-nota ta' osservazzjonijiet li biha tkun ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-istess eċċezzjoni tista' tiġi eżaminata u deċiża; u dan iżjed u iżjed jekk, wara dik in-nota, ikunu ġew skambjati bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti diversi noti ta' osservazzjonijiet in meritu għall-istess eċċezzjoni.*

*L-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li hu tiegħu ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, fondata fuq l-inazzjoni biss; imma b'dik akkwiżitiva, koinvolġenti l-pussess u fondata fuq dak il-pussess, anki jekk l-istess pussess ikun in mala fede jew altrimenti vizzjat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi Giuseppe u Emilia miżżewġin Sammut, ġenituri tal-kontendenti, mietu rispettivament fit-18 ta' Jannar 1914 u fit-8 ta' Lulju 1942, mingħajr testment, u għalhekk wirtuhom uliedhom; u illi fid-19 ta' Frar 1905 kienet mietet Carmela ġa armla minn Tommaso Sammut, u b'testment fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tal-31 ta' Mejju 1903 (dok. A) ħalliet werrieta tagħha lill-uliedha Marianna, Concetta, Andreana, Carmelo, Andrea, u l-imsemmi Giuseppe, aħwa Sammut, bis-sostituzzjoni favur uliedhom u bid-dritt ta' l-akkrexximent; u illi l-imsemmi Carmelo Sammut kien wiret lil ħutu Andreana, Marianna, Concetta u Andrea, u miet

fil-25 ta' Diċembru 1943, b'testment publikat min-Nutar Angelo Cachia fit-18 ta' Settembru 1939 (dok. B), fejn ħalla eredi tiegħu lill-konvenuti terz kull wieħed; u illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar Victor Bisazza fit-30 ta' Ġunju 1949 (dok. C), il-konvenuti illegalment qasmu bejniethom biss is-sustanzi li huma kienu jippretendu li ġejjin mill-wirt ta' l-imsemmi Carmelo Sammut, zijuhom, mentri biċċa minnhom (kif elenkati fil-lista hawn unita dok. "D") huma ġejjin mill-wirt ta' l-imsemmija Carmela ġà armla minn Tommaso Sammut, li tagħha kien wieħed mis-sitt werrieta ta' l-imsemmi Giuseppe Sammut, missier il-kontendenti, u minn Paola armla ta' Michele Camilleri, zija ta' l-imsemmi Giuseppe Sammut; u illi huwa, fil-kwalità ta' eredi leġittimu ta' l-imsemmi Giuseppe Sammut, huwa ntitolat għall-kwarta parti mill-wirt tiegħu, kompriż dak kollu li dan Giuseppe Sammut kien wiret mill-imsemmija Carmela Sammut, ommu, u minn Paola Camilleri; u illi huwa, b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Lulju 1950, għarraf lill-konvenuti li hu intitolat għal waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża mill-beni fuq elenkati, u interpellahom jirrendu kont tal-frutti lilu spettanti; u illi l-konvenuti, b'ittra uffiċjali tad-29 ta' Lulju 1950 (dok. E), irrespinġew il-pretensjoni tiegħu;

Jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) tiġi dikjarata, in kwantu tolqot il-beni fuq elenkati, nulla d-diviżjoni li saret bl-imsemmi att tat-30 ta' Ġunju 1949, billi ma saretx bil-parteċipazzjoni tiegħu, li hu ntitolat għall-beni hemm diviżi; (2) tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali ta' Giuseppe u Emilia ġà miżżewġin Sammut, billi dan jikkonsisti fis-sustanzi li jirriżultaw il-quddiem; (3) dan l-assi jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-assi partikulari ta' Giuseppe Sammut u l-oħra lill-assi partikulari ta' martu; (4) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Emilia Sammut, u jiġi dikjarat illi jikkonsisti fis-sustanzi li jiġu pruvati; (5) dan l-assi ta' Emilia Sammut jiġi diviż f'erba' porzjonijiet, li minnhom waħda tiġi assenjata lilu u l-oħrajn lill-konvenuti waħda kull wieħed; (6) tiġi ordnata l-likwidazzjoni tal-wirt ta' l-imsemmi Giuseppe Sammut, billi jiġi dikjarat illi jikkonsisti fil-

ġid lilu provenjenti speċjalment mill-eredità ta' Carmela Sammut, ommu, u ta' Paola Camilleri, u f'kull ġid ieħor li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; (7) dan il-wirt, hekk likwidat jiġi diviż bejn il-kontendenti f'erba' porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lilu u l-oħrajn lill-konvenuti, waħda kull wieħed; (8) jiġu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjoni fuq mitluba, nutar biex jippublika l-kuntratt relativ, u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi; (9) il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jirrendulu kont eżatt tal-frutti relativi għall-beni li tagħhom huwa għandu sehem, u, jekk jonqsu fiż-żmien li tagħtihom il-Qorti, huwa jiġi awtorizzat jiddetermina l-ammont lilu hekk dovut;

B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali tas-27 ta' Lulju 1950, kontra l-konvenuti, li ġew ingunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-azzjoni ta' l-attur hi diretta prinċipalment għal-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet f'dak l-att imsemmija u minnu mitluba; u bl-ewwel domanda, li hi preordinata għal dawk il-likwidazzjonijiet, l-attur mhux qiegħed jagħmel ħaġ'oħra ħlief javanza pretensjoni li parti mill-beni li l-konvenuti qasmu bejniethom bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-30 ta' Ġunju 1949, bħala provenjenti lilhom mill-wirt ta' zijuhom Carmelo Sammut, huwa għandu sehem minnhom, għaliex dawn il-beni ma kienux ta' proprjetà esklużiva ta' Carmelo Sammut, imma jipprovjenu mill-wirt ta' Carmela Sammut, martu, u minn dak ta' Paola Camilleri, oħt nannuh, li tagħhom missieru kien wieħed mill-werrieta; u għalhekk dawn il-beni għandhom jiffurmaw parti mill-likwidazzjonijiet fuq imsemmija, u minnhom huwa jieħu sehem bħala wieħed mill-werrieta ta' missieru;

Illi għad-domanda ta' l-attur il-konvenuta Felicissima Buhagiar kienet opponiet il-preskrizzjoni akkwiżitiva, tant deċennali kemm triġenarja—eċċezzjonijiet li ġew minnha ritirati fis-seduta tal-24 ta' Settembru 1951 quddiem il-perit legali. Wara illi dan il-perit ippreżenta r-relazzjoni tiegħu, u l-kawża ġiet differita diversi drabi biex il-kontendenti jeżami-

naw dik ir-relazzjoni, il-konvenuti Carmela Farrugia u Alfredo Sammut, bin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom tas-26 ta' Jannar 1953, għall-azzjoni tà' l-attur opponew il-preskrizzjoni estintiva triġenarja. Dan, il-konvenuti fuq imsemmijin setgħu jagħmluh; għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, inkluż fl-appell (art. 2217 Kodiċi Civili);

Verament, eċċezzjonijiet formali, bħal ma hi dik tal-preskrizzjoni, ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, fejn ordinarjament ikun hemm sempliċi argumenti fuq kwistjonijiet ġà sollevati, imma bil-mod formali proċedurali. U proprjament, meta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tiġix mogħtija formalment, qisha mhix quddiem il-Qorti, u l-Qorti mhix tenuta tiddeċediha, għaliex il-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Kollez. Vol.XXXIV—I—410). B'dana kollu, hawn dina l-Qorti aċċettat dik in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-imsemmijin konvenuti, li biha huma ssollevaw dik il-preskrizzjoni—nota li huma kellhom il-fakoltà li jippreżentawha— jidher illi l-istess eċċezzjoni tista' tiġi eżaminata u deċiża; iżjed u iżjed meta, wara dik in-nota l-attur u l-imsemmija konvenuti skambjaw, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, diversi noti ta' osservazzjonijiet in meritu għall-istess eċċezzjoni;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva triġenarja, sollevata mill-konvenuti Farrugia u Sammut;

Illi, kif ingħad, l-attur qiegħed jirreklama, fost ħwejjeġ oħra, dik il-parti tal-massa tal-wirt ta' Carmela Sammut u Paolo Camilleri li, skond it-teżi tiegħu, tmiss lilu bħala wieħed mit-tfal ta' Giuseppe Sammut, li kien wiret lill-imsemmijin Carmela Sammut u Paola Camilleri. Skond it-tagħlim tad-dottrina (Baudry Lacantinerie, Della Prescrizione, para. 592-594; Pugliese, La Prescrizione Estintiva, para. 189), u tal-ġurisprudenza (P.A. 7. 11. 1935 "Davison vs. Debono", Kollez. Vol. XXIX—II—736), l-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li hu tiegħu ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, fondata fuq l-inazzjoni biss, imma b'dik akkwiżitiva, koinvolġenti l-pussess ta' l-eċċipjenti, u fondata fuq dak il-pussess, anki jekk l-istess pussess ikun in mala fede

jew altrimenti vizzjat. Għalhekk kontra l-azzjoni ta' l-attur, kif fuq imfissra, ma tistax tiġi opposta sempliċement il-preskrizzjoni estintiva, kif għamlu l-imsemmijin konvenuti, imma biss il-preskrizzjoni akkwiżitiva; liema preskrizzjoni ma ġietx opposta minnhom;

Għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mill-imsemmijin konvenuti ma tistax tiġi milqugħa;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, u previja konferma tal-konklużjonijiet raġġunti mill-perizja legali;

Tiddeċidi, billi, wara illi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarju sollevata mill-konvenuti Farrugia u Sammut, bl-ispejjeż kontra tagħhom, (1) tiddikjara nulla, in kwantu tolqot il-beni ġà msemmijin, jew il-għalqa 'tal-Maxku'' sive ''ta' Ħaġar Mitqub'', Ħal Luqa, il-fondi Carmine Street numri 211-213, Ħal Luqa, u l-fondi St. Rita Street numri 52-56, tas-Sliema, id-diviżjoni li saret mill-konvenuti bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-30 ta' Ġunju 1949; (2) tiddikjara illi ma kienx hemm ko-akkwisti konjugali bejn Giuseppe u Emilia ġà miżżewġin Sammut..........; (3) konsegwentement tiddikjara illi ma hemmx lok għad-diviżjoni ta' din il-komunjoni..........; (4) tillikwida l-assi partikulari ta' Emilia Sammut fil-beni..........; (5) tiddividi dan l-assi ta' Emilia Sammut f'erbgħa porzjonijiet..........; (6) tillikwida l-assi partikulari ta' Giuseppe Sammut..........; (7) tiddividi l-beni komponenti l-attiv u l-passiv ta' dan l-assi f'erba' porzjonijiet..........; (8) tinnomina lin-Nutar..........; (9) tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien 20 ġurnata jirrendu lill-attur kont eżatt tal-frutti relativi għall-beni ġà msemmijin, u, jekk huma jonqsu illi jirrendu dan il-kont fiż-żmien hekk prefiss, tawtorizza lill-attur jiddetermina huwa stess l-ammont lilu dovut fil-mod kif trid il-liġi;

L-ispejjeż relativi għall-ewwel u d-disa' domanda jħallsuhom il-konvenuti; dawk relativi għad-domandi l-oħra jitħallsu.......... u kwantu għal 7/24 mill-konvenuta Buhagiar.